

32001L0007

1.2.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 30/43

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/7/KE**tad-29 ta' Jannar 2001****li taddatta għat-tielet darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2000/61/KE ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

- (1) L-Annessi A u B tad-Direttiva 94/55/KE għandhom fihom l-Annessi A u B tal-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża bit-triq, is-soltu magħrufa bħala "l-ADR" applikabbli mill-1 ta' Lulju 1999.
- (2) L-ADR tiġi riveduta kull sentejn u għalhekk il-verżjoni emendata għandha tiġi fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2001 bi żmien tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2002, ħlief għall-merkanzija perikoluża tal-klassi 7 (il-materjal radjuattiv), li ż-żmien tranżitorju tagħha jintemm fil-31 ta' Diċembru 2001.
- (3) Huwa għalhekk neċessarju li l-Annessi tad-Direttiva 94/55/KE jiġu emendati.
- (4) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-trasport ta' merkanzija perikoluża,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Annessi tad-Direttiva 94/55/KE qegħdin jiġu emendati kif ġej:

1. L-Anness A qiegħed jinbidel ma' dan li ġej:

"L-ANNESS A

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness A tal-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ADR) kif inhu fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2001, 'l-Istat Membru' għandu jitbiddel ma' 'il-Parti Kontraenti'

NB: It-test konsolidat tal-verżjoni ta' l-Anness A għall-ADR tas-sena 2001 ikun ippubblikat hekk kif ikun disponibbli t-test fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità."

2. L-Anness B qiegħed jitbiddel b'dan li ġej:

"L-ANNESS B

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness B tal-ADR kif inhu fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2001, 'l-Istat Membru' għandu jitbiddel ma' 'il-Parti Kontraenti'

NB: It-test konsolidat tal-verżjoni ta' l-Anness B għall-ADR tas-sena 2001 ikun ippubblikat hekk kif ikun disponibbli t-test fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità."

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva dwar il-merkanzija perikoluża tal-klassi 7 sal-31 ta' Diċembru 2002. Dawn għandhom immedjatament javżaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom jew ikunu akkumpanjati minn referenza għal din id-Direttiva fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif din ir-referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dawn t-testi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fis-settur irregolat minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Jannar 2001.

Għall-Kummissjoni
Loyola DE PALACIO
Viċi-President

⁽¹⁾ ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 7.

⁽²⁾ ĠU L 279, ta' l-1.11.2000, p. 40.